MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 33/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Vella talli fit-8 ta’ Ottubru, 2002 f’dawn il-Gzejjer fl-isemmija data u fix-xhur ta’ qabel, sa mis-26 ta’ Frar, 2002, bhala persuna li ftiehem jew accetta li jixtri jew ibiegh, skrapja jew b’xi mod iehor iddispona mill-vettura Nru. EAL-784, naqas li jaghti avviz bi-miktub fi zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta, dwar il-bidla tas-sid jew twellija ta’ l-imsemmija vettura. Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmija persuna li tesegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti

ghaldaqshekk kif jigi stabbilit mill-Qorti taht penali ta’ ammenda ta’ mhux aktar minn zewg liri kull jum fin-nuqqas, u dan ai termini tal-Artikoli MVR 26, Sec. 321 Chap. 10;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Jannar, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Vella hati u kkundannat lill-imputat ghal multa ta’ hamsin liri Maltin (Lm50) u ordnat li t-trasferiment tal-vettura jsir fi zmien hmistax-il gurnata taht penali ta’ zewg liri Maltin (Lm2) kull jum;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Carmel Vella minnu pprezentat fl-4 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka ossia tannulla l-ewwel sentenza stante l-ksur tal-principji indikati fir-rikors u tordna l-prosegwiment tal-kawza fi stadju ta’ appell jew billi tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti jew fin-nuqqas, fil-mertu thassar u tirrevoka l-istess sentenza u tillibera lill-appellant minn kull piena u imputazzjoni b’riserva li jressaq kull xhud, anke dawk li ried jipproduci fl-ewwel istanza;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Mejju 2004 li permezz taghha cahdet it-talba sabiex tigi annullata s-sentenza appellata izda awtorizzat lill-appellant biex jipproduci f'dan l-istadju lil ibnu Hayden Vella bhala xhud u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat:-

Il-proceduri kontra l-appellant kienu gew istitwiti wara li certu Kenneth Kirkham kien biegh il-karrozza tieghu EAL-784 u ma sarx it-"transfer" opportun. Filwaqt li Kenneth Kirkham ighid li huwa biegh il-karrozza lill-appellant, l-appellant jinnega li qatt xtara xi karrozza minghand l-imsemmi Kirkham.

Kenneth Kirkham xehed li kien gab avviz li kellu Morris Marina ghall-bejgh u ghall-habta tal-11.00 p.m. tas-26 ta' Frar 2002 kien mar l-appellant jaraha. Ftehmu l-prezz u l-appellant mar ghall-flus, irritorna, hallsu u qallu li kien bizzejjed jekk Kirkham jiffirma l-log-book u mbaghad jiehu hsieb kollox l-appellant. Kirkham jghid li beda jircievi citazzjonijiet u rrejalizza ghalhekk li t-"transfer" ma kienx sar. Fl-4 ta' Dicembru 2002 kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu l-azzjoni necessarja u pprovda n-numru tal-karta ta' identita` ta' l-appellant u l-indirizz tieghu. Kirkham jghid ukoll li meta l-appellant irritorna bil-flus kien hemm mieghu t-tifel tieghu.

Brian Farrugia, li jahdem il-Licensing and Testing Directorate, xehed li wara li l-ittra ta' Kenneth Kirkham waslet id-Dipartiment taghhom, intbaghtet ittra lill-appellant dwar it-"transfer" izda baqghu bla risposta.

L-appellant xehed li lil Kenneth Kirkham ma jafux, li qatt ma rcieva ittra mil-Licensing Office, li qatt ma mar tas-Sliema biex jinnegozja karrozza u qatt ma kellu Marina.

Iben l-appellant, Hayden Vella, ukoll xehed li qatt ma ra lil Kenneth Kirkham, li qatt ma mar mal-papa` tieghu u ltaqa' mieghu, li qatt ma wiegeb telefonata minghand Kenneth Kirkham jistaqsi dwar il-karrozza, u li missieru qatt ma kellu Morris Marina.

Fil-fehma tal-Qorti, Kenneth Kirkham huwa aktar kredibbli u dak li xehed huwa aktar verosimili. Hija haga naturali li f'negozju li sar bhal dak in kwistjoni, il-parti li qed tbiegh u li qed tigi assigurata minn min qieghed jixtri li ser jiehu hsieb il-procedura ta' trasferiment hu stess, titlob xi partikolaritajiet tax-xerrej. F'dan il-kaz Kenneth Kirkham stqarr li l-appellant tah in-numru tal-karta ta' identita`. Certament dak huwa l-ahjar mezz ta' kif tigi stabbilita l-identita` ta' persuna. L-appellant meta xehed spekula li forsi Kenneth Kirkham qabad l-isem "Charlie Vella u qal dak jew dak", jew forsi "kont ghaddej mit-triq, jghidlek 'dak mela'". M'hemm l-ebda prova li Kenneth Kirkham ghamel xi process ta' eliminazzjoni ta' kull min jismu Carmel jew

Charles Vella izda stqarr bla ezitazzjoni li n-numru tal-karta ta' identita` nghatalu mill-appellant stess.

Konsegwentement l-appell fil-mertu ma jistax jigi milqugh.

Billi jidher li l-karrozza in kwistjoni m'ghadhiex fil-pussess ta' l-appellant pero`, huwa opportun li l-perijodu sabiex l-appellant jottempera ruhu mal-ligi jkun wiehed sufficjentement twil ghal dan l-iskop u konsegwentement din il-Qorti sejra tirriforma s-sentenza appellata f'dan is-sens.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell fil-mertu billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' Lm50, tirrevokaha in kwantu ordnat li t-trasferiment tal-vettura jsir fi zmien hmistax-il gurnata mid-data ta' dik is-sentenza taht penali ta' Lm2 kuljum fin-nuqqas u minflok tordna li t-trasferiment isir fi zmien sitt xhur millum taht penali ta' lira (Lm1) kuljum fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------